MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2010

Numru. 646/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Mariella Scicluna ta' 38 sena, bint Carmelo Attard u Georgina nee` Zerafa, imwielda 21 ta' Gunju, 1972, Qormi, residenti 73, Triq San Frangisk, Qormi, detentrici tal-karta tal-identita 282872(M)**

**u**

**Leanne Bonett ta' 18 il-sena, bint missier mhux maghruf u Rita nee` Bonett, imwielda 26 ta' Settembru, 1991, Pieta`, residenti 51A, Flat 5, Sqaq Britanniku nru 1, Tarxien detentrici tal-karta tal-identita` 490891(M)**

**U**

**Kimberline Micallef ta’ 13 il-sena, bint missier mhux maghruf u Isabelle nee` Micallef, imwielda 07 Novembru 1996, Pieta`, residenti 34, Flat4, Triq Sant Anna, Floriana**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputati Mariella Scicluna, Leanne Bonett u Kimberline Micallef li gew akkuzati talli nhar is-26 ta’ Gunju 2010 ghal habta tal-hamsa neqsin kwart ta’ filghodu (04:45am) f’dawn il-Gzejjer minn gewwa Fuego li jinsab fi Triq Santu Wistin, San Giljan;

Ikkommettew serq ta’ handbag li fih kien hemm mobile phone tal-marka Samsung u 700 Euro fi flus kontanti, credit cards u xi dokumenti ghad-dannu ta’ Esin Akyuz, liema serq huwa aggravat bil-‘hin’.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet lill-imputati jammettu l-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom, liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti tghathom zmien xieraq sabiex jirrikonsidraw l-istess.

Semghet trattazzjoni dwar piena.;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl ta’ l-ammissjoni maghmula mill-imputati u l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputati hatja ta’l-akkuza migjuba fil-konfront taghhom.

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmulha mill-imputati, il-fatt illi huma kkumpensaw lill-vittma ghat-telf li hija sofriet f’dan l-incident, izda fuq kollox l-eta tenera ta’ tnejn mill-imputati. Il-Qorti tittama illi dawn it-tlett imputati ma jergghux ixellfu dufrejhom mal-gustizzja ghaliex altrimenti l-Qorti ma tkunx aktar klementi

maghhom.  Il-Qorti sejra tqis ukoll li wahda mill-imputati hija minuri ta’ tlettax (13) il-sena u ghalhekk il-Qorti bilfors trid tittratta b’mod differenti mal-istess minuri meta tigi biex tinfliggi piena ghal dan ir-reat.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(f), 270 u 36 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputati hatja tal-akkuza migjuba fil-konfront taghhom izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmulha u b’applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kaptilolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti qed tillibera lill-imputati bil-kundizzjoni li ma jghmlux reat iehor ghar-rigward ta’ Mariella Scicluna u Leanne Bonett fi zmien sena mil-lum u fil-konfornt tal-minuri Kimberline Micallef ghal zmien tlett (3) xhur mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-imputatati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huma jikkommettu reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberta taht kundizzjoni.

Il-Qorti tordna li kopja tal-atti tal-kawza flimkien ma kopja tas-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------